MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 216/2003/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-sindakati esteri operanti bl-isem Octavian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Francesco Dalli abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Francesco Dalli**

**vs**

**Priscilla Briffa**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru 2003, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm116.75) rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta attrici Francesco Dalli, u ghalihom ghamlet tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm91.75), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) l-istess Francesco Dalli in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' April 2000 ghall-habta tal-3:15p.m. gewwa Triq l-Imgieret, Luqa, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur Francesco Dalli, bin-numru tar-registrazzjoni GAA 242 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru tar-registrazzjoni EAC 298, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2001 u interessli legali kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-14 ta' Frar, 2003 fejn intqal illi:

1. Ghandha tingieb prova tas-surroga.
2. L-azzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni tas-sentejn.
3. Fil-meritu l-incident in kwistjoni ma sehhx tort ta' l-esponenti, izda htija ta' l-attur Francesco Dalli u ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez.
4. Bla pregudizzju ghat-tliet eccezzjonijiet precedente, u subordinatament, l-esponenti wkoll sofriet hsara fil-vettura taghha htija ta' l-imperizja , negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-attur, u ghalhekk jekk jirrizulta xi ammont dovut mill-esponenti, dan ghandu jigi pacut ma' l-ammont dovut lilha.

Ra li b'nota tat-13 ta' Marzu, 2003 il-konvenuta ndikat l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili bhala l-artikolu rilevanti ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata.

Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn talab il-hlas ta’ mija u sittax-il lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm116.75c) danni ghall-incident awtomobilistiku tal-25 ta’ April 2000 li sar htija ta’ l-attur Francesco Dalli li saq il-vettura tieghu b’imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u kkaguna danni lill-konvenuta.

Ra r-risposta ghal kontro-talba pprezentata fit-28 ta’ Frar 2003 fejn intqal illi :
Fl-ewwel lok, illi t-talba tal-konvenuta rikonvenjenti hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Fit-tieni lok, u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, fil-meritu, it-talbiet rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident *de quo* sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenuta rikonvenjenti.

Semgha x-xhieda ta’ Francesco Dalli, PC 151 Carmelo Micallef, Priscilla Briffa, Peter Agius.Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:
1. Illi l-kaz in kwistjoni jikkoncerna kollizzjoni li sehhet fil-25 ta’ April 2000 wara nofs-in-nhar bejn il-vettura EAC 298 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura JAA 242 misjuqa minn Francesco Dalli.
2. Fl-ewwel lok dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati, z-zewg partijiet qed jeccepixxu l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, cioe’ l-preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn. L-incident gara fil-25 ta’ April 2000, filwaqt illi l-kawza infethet fis-27 ta’ Jannar 2003. Is-socjeta’ attrici kienet baghtet ittra ufficjali fit-18 ta’ Dicembru 2001, kopja ta’ liema tinsab esebita a fol 28 u 29 tal-process, filwaqt illi l-konvenuta ma baghtet ebda ittra ufficjali kontra l-atturi. Ghaldaqstant ghar-rigward ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, din ma tirrizultax. Pero’ fir-rigward ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-atturi din tirrizulta u ghalhekk il-kontro-talba ma hijiex sostenibbli in kwantu l-azzjoni fil-

konfront ta’ l-atturi hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

3. Ghalhekk jibqa’ li wiehed jezamina biss it-talba attrici.

4. Mill-isketch jirrizulta illi l-konvenuta halliet brake marks ta’ tlett metri u li kellha hsara fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin, filwaqt li l-assigurat tas-socjeta’ attrici kellu l-hsara fuq il-lemin fuq il-genb ta’ wara. L-incident gara gewwa Triq l-Ingieret Luqa li hija t-triq li taghti ghall-Ghammieri.

5. Skond Francesco Dalli hu kien hiereg mill-Ghammieri u l-konvenuta kienet diehla f’dik it-triq.

6. Jirrizulta li Dalli kien ghaddej man-naha tax-xellug u l-konvenuta kienet diehla fuq il-naha tal-lemin. Jirrizulta wkoll illi fuq in-naha minn fejn kien hiereg Dalli l-genb tat-triq kien asfaltat mill-gdid peress li kienu saru xogholijiet ta’ trinka u kien ghad hemm toqba bil-barriera hdejha kif indikat fl-iskizz. Minhabba din il-barriera l-assikurat kellu necessarjament kellu johrog ghal nofs it-triq b’mod pero’ li zamm kemm jista jkun mal-barriera. Ma jirrizultax li l-assikurat tas-socjeta’ attrici kien miexi b’xi velocita’.

7. Jirrizulta in oltre illi l-konvenuta daret ghal got-triq u dana wara li rat illi fit-triq ma kien gej xejn fit-triq principali, u minhabba li hemmhekk hemm qisu *blind corner* kellha taghmel dawra fit-tul biex tidhol fi Triq l-Ghammieri.

8. Il-konvenuta tallega wkoll li l-attur kien gej b’velocita’ u waqfet biex cedietlu u hu habat maghha.

9. It-Tribunal in oltre jirrileva illi l-partijiet iddibattew dwar il-hin li fih gara l-incident u filwaqt li l-konvenuta tghid li gara ghal habta tas-siegha u nofs, l-attur qed ighid li l-incident gara ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofs in-nhar. It-Tribunal ma jsib ebda rilevanza f’dan il-kuntest, hlief illi skond ir-rapport tal-pulizija l-hin indikat huwa t-tlieta u kwart ta’ wara nofs in-nhar, filwaqt illi l-iskizz ta’ l-istess pulizija s-siegha u kwart ta’ wara nofs in-nhar.

10. It-Tribunal jirrileva illi z-zewg partijiet kienu ben konxji tal-barriera ossija ostakolu li kien hemm fit-triq ta’ l-ghammieri. Dana qed jinghad peress illi l-partijiet it-tnejn li huma kienu jahdmu l-ghammieri. Ma hemmx dubbju wkoll li l-viswali tal-konvenuta kienet anqas u jirrizulta illi din zammet brake kif indikat fl-isketch. F’dan il-kuntest it-Tribunal ma jsibx kredibbli dak li qed tghid il-konvenuta,

fis-sens li kienet wieqfa meta gara l-incident, anzi mill-fatti jirrizulta li hi waqfet f'salt u waqfet proprju minhabba li ndunat illi ma kienx ser jirnexxielha tghaddi peress illi l-assikurat tas-socjeta' attrici kien hareg il-barra minhabba l-barriera li kien hemm. Hi ma lahqitx zammet fil-hin u haditu bil-quddiem taghha fil-parti ta' wara tieghu. L-attur kien ghadda kwazi ezatt mal-barriera u l-konvenuta kieku qaghdet attenta, kellha spazju minn fejn tghaddi u mhux ghafset ghal fuq l-attur kif gustament sottomess mid-difensur ta' l-istess. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandha tigi ritenuta responsabbli unikament il-konvenuta.

11. Dwar il-quantum tad-danni dana jirrizulta pruvat fl-ammont mitlub skond id-dokumenti esibiti Dok RM 2,RM 3 u RM 4.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad il-kontro-talba tal-konvenuta in kwantu l-azzjoni kif diretta kontra l-atturi, hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16, u filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta rigwardanti l-azzjoni attrici, t-Tribunal isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li gara minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti taghha u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies fil-kwalita' taghhom premessa l-ammont ta' wiehed u disghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm91.75) u lil Francesco Dalli s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25). Bl-imghaxijiet legali fuq iz-zewg ammonti dekorribbli mit-12 ta' Dicembru 2001.

L-ispejjez tat-talba, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2001, kif ukoll l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta skond il-ligi.

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju li t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita u ta' l-ekwita, bi pregudizzju ghaliha, ghaliex dan skarta ghal kollox l-ewwel eccezzjoni taghha rigward il-prova tas-surroga. Hi tikkontendenti li l-fatt li t-Tribunal ma okkupax

ruhu minn din l-eccezzjoni ppregudika l-jeddijiet taghha biex tikkombatti t-talba attrici;

Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoci illi din il-Qorti ssib dan l-aggravju ghal kollox insostenibbli, jekk mhux ukoll fieragh. Hi l-impressjoni taghha illi l-appellanti appiljat ma' din l-iskuzanti semplicement ghal fatt illi l-Kapitolu. 380 ma jakkordalhiex id-dritt ta' l-appell mill-apprezzament tal-fatti. Dan kif minnha stess rilevat fil-korp tar-rikors ta' l-appell;

Huwa sew maghruf u ben konoxxut illi meta l-assigurazzjoni thallas lill-assigurat taghha taht il-polza din tigi surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha, ad eccezzjoni ta' dak li hu "excess payment" li l-istess assigurat jikkontribwixxi u jeroga minn butu;

Il-hlas hekk maghmul mill-assigurazzjoni jikkoncerna 'stricto jure' r-rapport ma' l-assgurat taghha emanenti mill-kuntratt ta' l-assigurazzjoni u l-polza. Lit-terz dan il-hlas jinteressah biss limitatament biex ikun jaf illi f'kaz li jigi kkundannat jirrizaricixxi d-danni hu jkun mehlus mill-obbligazzjoni tieghu fil-kaz li l-hlas jaghmlu lill-assigurazzjoni minflok lill-assigurat li mieghu t-terz ikun obbligat, jew kontrattwalment jew 'ex delicto';

Fil-kaz prezenti s-socjeta` assiguratrici attrici talbet biss dak l-ammont li hi effettivament hallset lill-assigurat taghha Francis Dalli. Hlas dan li l-istess assigurat jikkonferma li sarlu. Fil-fatt dan xehed hekk: "Id-danni hallsuli l-assigurazzjoni u jien hallast excess ta' Lm25.00" (fol. 23). Din id-dikjarazzjoni tissigilla kull dubbju li seta' kien hemm.

Meta dan hu hekk il-kaz m' hemmx ghalfejn l-prova 'sine qua non' tas-surroga ghax ghal dan tissuplimenta l-ligi fl-Artikolu 1166 (c) tal-Kodici Civili li tipprovdi li s-surroga ssir 'ipso jure' favur "dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress ihallsu". **Ara Vol. LXXIX P II p 559**. Ghalhekk bil-fatt stess tal-hlas saret is-surrogazzjoni legali;

Josserva a propozitu l-**Vivante** ("Trattato di Diritto Commerciale", Vol. II para. 1972), "*la surrogazione personale dell' assicuratore nei diritti dell' assicurato é una conseguenza naturale del pagamento dell' indennita`; l' assicurato che fu risarcito del danno non ha piu` azione contro il colpevole perche non ha alcun interesse di far valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento al colpevole pel medesimo danno, sarebbe indennizato due volte e l' assicurazione gli procurerebbe un indebito lucro. D' altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione, cui é rimasto estraneo e pel quale non ha pagato alcun premio, é percio deve rispondere del danno verso l' assicuratore che piglia il posto dell' assicurato.*" Fuq dan l-insenjament tinsab impernjata d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerc, tas-7 ta' Marzu 1930 fil-kawza fl-ismijiet "**Capitano Joseph L. Muscat nomine -vs- Giuseppe Mizzi nomine et**" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 873**);

Applikat dan it-taghlim ghal kaz in ezami johrog car illi meta s-socjeta` assiguratrici attrici hallset lill-assigurat taghha, l-attur Francis Dalli, hi giet surrogata fid-drittijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta naxxenti mill-kollizjoni li grat bejn l-imsemmi assigurat u l-konvenuta appellanti. Is-surroga kellha ghalhekk l-iskop li l-jeddijiet ta' l-assigurat ghadda ghand is-socjeta` assiguratrici. Dan bl-operat tal-ligi, kif fuq manifest;

Fic-cirkostanzi ma jitqiesx valevoli l-argoment tal-konvenuta appellanti illi ghax is-surroga ma gietx provata ergo dan arrekalha l-pregudizzju gravi minnha lamentat. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tara l-ebda serjeta f' dan l-argoment. Dak l-argoment kien ikun valevoli u jircievi attenzjoni kieku l-gudizzju, fuq il-meritu, ma giex rigwardat mill-punto di vista tad-dritt ekwitattiv. Kwestjoni din li ma tinsorgix f' dan il-kaz u lanqas giet imqanqla. L-aggravju allura ma jistax jircievi akkoljiment u ser jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu sopportati mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------